# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI- PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI

Appell Nru.6/2013

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clive Agius**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2021

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clive Agius bin Simon u Simone nee' Azzopardi, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 187685M prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fis- 7 ta' Lulju, 2020 li biha talab lil din il-Qorti **thassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' Gunju 2020 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clive Agius li biha instab hati tal-akkuzi [*recte:* imputazzjonijiet] dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidium, li

**timmodifika** [recte: tirriforma] s-sentenza appellata kwantu l-piena billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sentejn prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali bid-data tas-17 t'Awissu, 2020 li biha ecepixxa l-irritwalita' u n-nullita' tar-rikors tal-appell stante li din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza li tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni dwar denunzja wara ordni ta' probation;

Rat ghalhekk is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Gunju 2020 fl-ismijiet premessi, allura dik appellata, fejn wara smiegh ta' xhieda u d-debiti konsiderazzjonijiet, kien deciz hekk:

*Illi l-Qorti tistqarr illi rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni fejn id-denunzjat moghti diversi opportunitajiet sabiex jottempera ruhu mal-Ordni fuqu imposta* [Ordni ta' Servizz fil-Komunita' imposta permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Dicembru, 2012 estiza ghal perjodu ta' sena permezz ta' digriet tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Lulju 2017] *baqa; inadempjenti, ghalkemm ghaddew diversi snin, ma ghandhiex triq ohra hlief li titratta mieghu ghar-reati li dwarhom hu gie misjub hati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Dicembru, 2012, kif ikkonfermata fl-appell. Tenut kont tat-trapass taz-zmien minn meta gie kommess ir-reat il-Qortki ser tghaddi biex timponi piena karcerarja li tqarreb vicin lejn il-minimu stabbilit fil-ligi u ma hijiex ser izzid il-piena minhabba l-addebitu tar-recediva"*

u kkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija ghal zmien (2) sentejn;

Rat l-atti kollha u semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali wara denunzja ta' Ufficcjal tal-Probation li l-*probationee*, l-appellant,

ma kienx qieghed joqghod ghat-termini tal-Ordni ta' Probation mposta fuqu. Brevement rakkontati l-fatti, jemergi illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Dicembru 2012, l-appellant, allura imputat, flimkien ma' persuna ohra, kien instab hati ta' serq bl-aggravju tal-valur u xorta tal-haga misruqa kif ukoll ta' assocjazzjoni bil-ghan ta' kommissjoni ta' delitt oltre l-addebitu tar-recidiva u kien tqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-Avukat Generali kien appella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema Qorti cahdet l-appell bis-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu, 2015 u kkonfermat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti;

3. Illi in segwitu ghal dik is-sentenza, l-Ufficcjal tal-Probation li allura kellha ssegwi lill-appellant, intavolat rikors quddiem il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fit-3 ta' Marzu, 2017, li bih iddenunzjat lill-*probationee,* l-appellant odjern, li kien irregolarli fl-obbligi tieghu naxxenti mill-Ordni ta' Probation. Bid-decizzjoni taghha tat-12 ta' Lulju, 2017, **Il-Qorti Kriminali** (minkejja li r-rikors kien intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali) ddisponiet mir-rikors billi a tenur tal-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta' Malta, **estendiet** l-perjodu li fih id-denunzjat kellu jwettaq is-sieghat li kien baqaghlu jiskonta bhala servizz fil-komunita' ghal perjodu ta' sena mid-data tad-decizzjoni;

4. Illi fl-1 ta' Novembru, 2017 l-istess Ufficcjal tal-Probation intavolat rikors iehor quddiem **Il-Qorti tal-Appell Kriminali** li bih regghet ddenunzjat lill-appellant dwar l-inadempjenza tal-obbligi tieghu. Bid-decizzjoni taghha tas-26 ta' Gunju, 2020, **il-**

**Qorti Kriminal**, u kif gia riportat *supra*, trattat mad-denunzjat, l-appellant odjern, billi kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) ghar-reati minnu kommessi originarjament u li taghhom kien misjub hati bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Dicembru, 2012;

5. Illi din il-Qorti hassitha fid-dover li taghmel rassenja tal-fatti u tal-*iter* procedurali kollu ghaliex dan ma johrogx daqstant car mir-rikors tal-appell. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, il-Qorti thossha ukoll fid-dover li tissenjala inezatteza grossolana fir-rikors tal-appell ghaliex jidrilha li din ma tistghax tghaddi inosservata;

6. L-appellant ibbaza l-appell tieghu fuq dak li tipprovdi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Keith Bezzina, App Krim 260/2008 tat-23 ta' Marzu, 2009 u jiccita parti minnha in sostenn tal-ewwel aggravju tieghu. F'dan l-aggravju l-appellant jghid hekk:

> **Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 23 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Keith Bezzina ppronunzjat illi**
>
> **"Qorti ma ghandhiex ghalfejn tpoggi lilha nfisha fil-posizzjoni li tregga l-argoll lura ghad-data meta tat is-sentenza u tikkommina s-sentenza li kienet taghti ta' prigunerija ghar-reat f'dak il-mument u mhux illum wara li persuna manifestalment tkun kisret il-kundizzjoni mposta f'ordni ta' probation.**
>
> **Skont l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap 466 il-Qorti "tista titratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwar tkun saret ordni b'kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat." Izda, naturalment, dan isir wara li tkun ingabet prova**

**ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti "tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat ulterjuri."**

**Jigifieri l-Qorti ma tittrattax mill-gdid mal-persuna li dwarha tkun saret xi sanzjoni kmounitarja jew ordni ghal liberazzjoni komunitarja f'vakwu izda fil-kuntest tat-twettiq ta' reat ulterjuri"**

7. Ezaminata d-ddecizzjoni citata, jemergi illi l-ewwel paragrafu tal-allegata decizzjoni qatt ma kien pronunzjat minn dik il-Qorti. Mhux biss, izda, dan kien aggravju tal-appellant f'dak l-appell brevement rakkontat minn dik il-Qorti fil-parti inroduttorja tal-kunsiderazzjonijiet taghha, u xorta wahda kien citat hazin. Dak l-aggravju kien jaqra hekk:

*"L-aggravji tal-appellant jirrigwardaw il-piena nflitta u huma fil-qosor is-segwenti: (1) ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti hu zbaljat legalment peress illi l-Qorti kellha tpoggi lilha nfisha fil-posizzjoni li tregga l-arlogg lura ghad-data meta tat is-sentenza u tikkomina s-sentenza li kienet taghti ta' prigunerija ghar-reat f'dak il-mument u mhux illum wara li manifestament ikun kiser il-kundizzjoni….."*

8. Fl-ewwel kunsiderazzjoni taghha, dik il-Qorti minnufih rriteniet hekk:

"Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant mghandux ragun. Skond l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap 446 il-Qorti "**tista titratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret ordni b'kull mod li setghet titratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat**". Izda dan isir wara li tkun ingabet prova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti **"tad-dikjarazzjoi ta' htija dwar ir-reat ulterjuri**". Jigifieri l-Qorti ma titrattax mill-gdid mal-persuna li dwarha

> tkun saret xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal liberazzjoni komunitarj f'vakwu izda fil-kuntest tat-twettiq ta' reat ulterjuri".

Dan huwa tassew divers minn dak li l-appellant jallega li kien mlissen fis-sentenza minnu citata u certament ma jipotizzax recitar fidil minn dik is-sentenza. Issa jekk l-appellant deherlu illi meta dik il-Qorti ma qablitx mal-ewwel aggravju li l-ewwel Qorti kellha tregga l-arlogg lura ghall-zmien tar-reat originarju, allura ma jfissirx b'daqshekk li ghandu licenzja biex jissostitwixxi erba kelmiet pronunzjati mill-Qorti "l-appellant m'ghandux ragun" f'paragrafu intier u jghaddih bhala citat minn dik il-Qorti. Fl-iccitar ta' sentenzi u partijiet minnhom huwa mistenni li dan ikun fidil ghall-ahhar ghall-orginal sabiex ikun evitat l-ovvju;

9. Ventilat dan, jokkorri issa li tkun deciza qabel xejn, l-eccezzjoni ta' rritwalita u nullita' sollevata mill-Avukat Generali konsistenti fin-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti biex tisma' u tiddetermina l-kwistjoni odjerna. L-Avukat Generali jistrih fuq dak ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Reuben D'Amato tad-19 ta' Jannar, 2012;

10. Fis-sentenza appena citata, kien deciz illi l-appell kien irritu u null peress illi din il-Qorti mhix kompetenti tisma' u tiddeciedi appelli mill-Qorti Kriminali dwar decizjoni rigwardanti denunzji minn Ufficcjal tal-Probation. F'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, l-Qorti dahlet *funditus* fil-kwistjoni tal-kompetenza taghha mlissna mill-Kodici Kriminali, fl-emendi li saru dwar il-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Probation) senjataemt l-artikolu 21 tieghu u fit-tifsira u l-effetti tas-subinci (1) u s-subincitz (2) tal-Kapitolu 249 (l-Att dwar l-Interpretazzjoni). Dak li hu ta' massima importanza f'din is-sentenza hu l-konferma illi skond il-Kodici Kriminali, din il-Qorti

tisma u tiddeciedi appelli dwar sentenza tal-Qorti Kriminali dwar kawzi mressqa mill-Avukat Generali per via ta' Att ta' Akkuza. Denunzja ta' Ufficcjal ta' Probation mhix u ma tekwiparax ghall-Att ta' Akkuza u zzid tirritjeni il-Qorti kif odjernament preseduta, illi in mankanza ta' disposizzjoni *ad hoc* fil-Kodici Kriminali jehtieg ikun mistharreg jekk hemmx xi ligi ohra, li taghti lil din il-Qorti dik il-kompetenza biex tisma' u tiddetermina appelli bhal dak odjern;

11. Dan hu hekk ghaliex l-kwistjoni hawn devoluta hija wahda ta' ordni pubbliku u l-appellant ma jistghax jadixxi lil din il-Qorti jekk il-ligi ma tghatihx dik il-fakulta'. L-artikolu relevanti fil-Kap 446 huwa l-artikolu 21 u dan l-artikolu huwa sieket dwar l-appellabilita' ta' decizzjoni mill-Qorti Kriminali meta titratta mal-hati dwar ksur ta' sanzjoni komunitarja. Hija ghalhekk applikabbli l-ligi generali kif ravvizata fil-Kodici Kriminali li, kif gia espost fis-sentenza citata *supra* D'Amato, tipprovdi in rigward l-istanzi fejn jista' jsir appell, minn min u quddiem liema Qorti. Ifisser dan, illi sakemm ma jkunx hemm ligi specjali fil-konfront tal-ligi generali, li appell jista' jsir minn istanza quddiem Qorti partikolari, allura hija l-ligi generali li tiswa;

12. Fis-sistema guridiku taghna niltaqghu ma' diversi okkorrenzi bhal din. Tista' ssir referenza ghall-Kodici Kriminali dwar il-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn ma jissemma ebda istanza ta' xi kompetenza revizorja. Minkejja dan, l-Att Dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja, Kap 291 fl-artikolu 11 tieghu jaghti d-dritt lill-kull persuna li jhossha aggravata mid-decizzjoni tal-Kummissarju sabiex jaghmel rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghar-revoka jew tibdil tad-decizzjoni. L-istess jinghad dwar varjanzi fil-Kodici Kriminali nnffsu bhal, ad ezempju, fl-artikolu 541 (3) tieghu li jiddisponi li appell minn decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati dwar denunzja, rapport jew kwerela,

komunement mgharufa bhala *challenge*, ghandu jsir quddiem il-Qorti Kriminali u dan minkejja li l-artikolu 417 tal-istess Kodici jipprovdi li appell mill-Qorti tal-Magistrati jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li skond l-artikolu 418 u 498 (2) tkun preseduta minn Imhallef wiehed. Essendo kwistjoni ta' ordni pubbliku, din il-Qorti jkollha timxi mal-massimu *ubi voluit dixit* u la darba l-legislatur ma provdiex ghal sitwazzjoni bhal fil-kaz odjern jitqies illi din il-Qorti mghadniex dik il-kompetenza allegata mill-appellant;

13. In konkluzzjoni, ghalhekk, l-Avukat Generali ghandu ragun fl-eccezzjoni tieghu u din il-Qorti ma ghandiex il-kompetenza tisma' u tiddeciedi appelli dwar decizjonijiet tal-Qorti Kriminali li mhumhiex rizultat ta' process minn Att ta' Akkuza kif provdut mill-artikolu 497 sa 515 tal-Kodici Kriminali.

14. Ghal dawn il-motivi qed tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali u tiddikjara l-appell ta' Clive Agius bhala rritu u null u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Onor. Prim Imhallef Mark Chetcuti

Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti